MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2013

Talba Numru. 301/2013

**Frank Borda Limited (C443)**

**vs.**

**Raymond Falzon K.I. 696362(M) u**
**Rosaria sive Roseanne Falzon K.I. 558264(M)**
**in solidum**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elfejn sitt mija u erbgħin Ewro (€2640.00), mingħand il-konvenuti rappreżentanti import ta' żewġ kambjali skaduti u mhux imħallsa.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuti ġew debitament notifikati kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huma ma kkontestawx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra illi l-konvenuta Rosaria sive Roseanne Falzon dehret għas-seduta tas-17 ta’ Ġunju 2013, fejn hija xehdet bil-ġurament u kkonfermat illi hi u żewġha huma debituri tas-soċjeta′ attriċi fl-ammont minnha mitlub. It-Tribunal spjega l-effett ta’ tali ammissjoni lill-konvenuta.

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti in solidum iħallsu lis-soċjeta` attriċi is-somma ta’ elfejn sitt mija u erbgħin Ewro (€2640.00), bl-imgħax legali dekorribbli mid-data tal-iskadenza ta’ kull kambjala, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuti solidalment.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------